# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru 1073/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Charles Taliana (K.I. 286269M)**
**Lucienne Taliana (K.I.271378M)**

**Vs**

**Mario Vella (K.I. 463875M)**
**Joanne Rose Vella kjamata in kawża permezz ta' digriet tat-3 ta' Lulju 2020.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tar-rikorrent datat 8 ta' Novembru 2019, li permezz tiegħu talab is-segwenti:

    1. *Illi l-esponenti jiġġestixxu negozju fil-bejgħ ta' prodotti tal-ħalib li huma manufatturati minn Malta Dairy Products.*

    2. *Illi dawn il-prodotti jinbiegħu lill-diversi ħwienet u fosthom il-ħanut ġestit mill-konvenut, Mario Vella, bl-isem "Ġoġo" li jinsab Triq is-Snajjin, Mellieħa u li ilu klijent tagħhom għal diversi snin.*

    3. *Illi l-konvenut naqas milli jħallas lill-atturi regolarment għall-prodotti mixtrija minnu u l-ammont dovut minnu sa llum jammonta għal disgħa u tletin elf, disgħa mija u tlettax il-Euro (€ 39,913).*

4. *Illi l-konvenut permezz ta' skrittura iffirmata bejn il-partijiet fl-01 ta' Awissu 2019 aċċetta illi dan kien l-ammont dovut minnu lill-atturi (ara Dok A) iżda naqas milli jħallas skond dan l-istess ftehim.*

5. *Illi sussegwentement għal din l-iskrittura, l-esponenti baqgħu jinsistu għall-pagament ta' € 39,913 permezz ta' diversi telefonati għal liema telefonati l-konvenut dejjem ikkonferma li dan l-ammont sejjer jitħallas iżda baqa' ma' ħallasx u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-fatt jew fid-dritt.*

*Illi b'hekk, dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u l-konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjoni valida fil-liġi x'jagħti kontra t-talbiet tal-atturi li huma jafu bihom.*

*Illi għalhekk, jinkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikolu 167 et seq. Tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi l-atturi qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

1. *Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikoli 167 et seq. tal Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur versu l-atturi fl-ammont globali ta' € 39,913 u l-imgħaxijiet mid-data tal-konsenja tal-prodotti.*

3. *Tikkundanna lill-konvenut jħallas rikorrenti s-somma globali ta' €39,913 flimkien mal-ispejjeż tal-presenti u flimkien mal-imgħax dekorribbli bl-ogħla rata permessibbli mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv;*

   *Bl-ispejjeż, inkluż tal-preżenti.*

2. Rat illi fid-9 ta' Diċembru 2019, għalkemm mhux awtorizzat mill-Qorti, Mario Vella irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi a tenur tal-Artikolu 1322(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta "l-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wieħed ħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien."*

   2. *Illi l-mara tal-intimat, Joanne Rose Vella għandha tkun parti in atti stante illi hawn si tratta dejn tal-komunjoni tal-akkwisti li ma jinkombix lilu biss imma wkoll lil martu a tenur tal-liġi.*

   3. *Illi hawnhekk non si tratta ta' dejn magħmul għall-ħtiġijiet tal-familja skont l-artikolu tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għall-kiri ta' mobbli jew immobbli meta l-prezz tiegħu jkun moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familja u l-kirja tkun għal żmien qasir.*

4. *Illi skond l-artikolu 1322(f) li tissellef jew tislef flus, barra minn depożitu ta' flus f'kont f' bank, huwa att straordinarju tal-komunjoni tal-akkwisti li jinkombi fuq iż-żewġ miżżewġin u għalhekk l-iskrittura privata tal-10 ta' Awwissu 2019 kellha tiġi ffirmata wkoll mill-mara Joanne Rose Vella li għandha dritt tkun taf x'qed jiġri bil-ftehimiet li jkun seta' għamel żewġha.*

5. *Illi dan ma jistax jinkombi l-komunjoni tal-akkwisti mingħajr il-kunsens u l-approvazzjoni ta' martu, u għalhekk jinħtieġ il-kjamat in kawża ta' martu fiċ-ċirkostanzi biex hija tagħti kull eċċezzjoni li talvolta issejjaħ lilha.*

6. *Illi hija għandha dritt wkoll ai termini tal-Artikolu 1326(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta biex fi żmien tlett snin tannulla kull att li ma setgħetx kienet taf bih u li jinkombilha l-komunjoni tal-akkwisti.*

7. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

**Provi:**

3. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti, ossija skittura datata 10 ta' Awissu 2019 fejn l-intimat Mario Vella aċċetta li l-ammont ta' €34,099.34 kien dovut u li kellu jitħallas. (fol 4)

4. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Lucienne Taliana** ippreżentat fil-21 ta' Frar 2020 (fol 15) u rat id-dokumenti annessi mal-affidavit (fol 16) ossija ħames ċekkijiet maħruġa mill-intimat u mhux onorati.

5. Rat li fl-24 ta' Frar 2020 saret talba tar-rikorrenti sabiex tiġi kjamata in kawża Joanne Rose Vella, liema talba ġiet milqugħa fit-3 ta' Lulju 2020, fejn il-Qorti ordnat il-kjamat in kawża ta' Joanne Rose Vella (fol 27).

6. Rat l-affidavit ta' **Charles Taliana** ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2020 (fol 29).

7. Rat l-affidavit ulterjuri ta' Lucienne Taliana ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2020 (fol 31) u rat id-dokumenti minnha eżebiti mal-affidavit.

8. Rat li, fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2021, l-kjamata in kawża Joanne Rose Vella tat ruħha notifikata tramite il-konsulent legali tagħha u għarrfet li l-eċċezzjonijiet ta' Mario Vella għandhom japplikaw ukoll bħala l-eċċezzjonijiet tagħha.

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Martin Grech**, Group Chief Financial and Commercial Officer fi ħdan is-soċjeta' Malta Dairy Products Limited mogħtija fit-13 ta' Mejju 2021 (fol 57).

10. Rat in-nota ta' Lucienne Taliana, ippreżentata fis-17 ta' Mejju 2021, li permezz tagħha eżebiet kopja ta' ċekkijiet maħruġa w iffirmati mill-intimat li ma ġewx onorati mill-bank tiegħu (fol 60 *et sequitur*) flimkien ma' ittri tal-Bank.

11. Semgħet ix-xhieda ta' **Valerie Micallef**, ġia impjegata fid-dipartiment tas-Sales tas-soċjeta' Malta Dairy Products Limited, mogħtija fid-29 ta' Settembru 2021 (fol 67).

12. Semgħet ix-xhieda ta' l-intimat Mario Vella, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fit-30 ta' Novembru 2021 (fol 80).

13. Rat li fil-5 ta' April 2023, l-avukat difensur tar-rikorrenti iddikjara li m'għadx fadal iżjed provi.

14. Rat li fit-23 ta' Marzu 2023, wara tlett seduti fejn l-intimat ma ressaq ebda provi, din il-Qorti iddikjarat il-provi tal-konvenut magħluqa, u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

15. Jirriżulta li r-rikorrenti jiġġestixxu negozju fil-bejgħ ta' prodotti tal-ħalib manifatturati minn Malta Dairy Products u fil-ġestjoni tan-negozju tagħhom, huma issuplew ukoll lill-ħanut ġestit mill-intimat Mario Vella bl-isem 'Gogo', Triq is-Snajjin, Mellieħa.

16. Jirriżulta illi l-intimat Mario Vella kien jiġġestixxi ħanut bl-isem ta' 'Gogo" ġewwa Triq is-Snajjin, Mellieħa, u għal aktar minn għaxar snin kien qed jiġi supplit bil-ħalib mir-rikorrenti.

17. Jirriżulta li l-intimat kien ħareġ diversi ċekkijiet li ma ġewx onorati mill-bank relattiv tiegħu u ġew 'referred to drawer'.

18. Jirriżulta li permezz ta' skrittura Dok A fol 4, tal-10 ta' Awissu 2019, bejn ir-rikorrenti u bejn Mario Vella id-debitur, fejn ġie aċċettat li s-somma dovuta lir-rikorrenti sa dakinhar tad-data ta' l-iskrittura kienet erbgħa u tletin elf u disgħa u disgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 34,099.34).

19. Jirriżulta illi wara tali skrittura, r-rikorrenti baqgħu jipprovduh bil-ħalib iżda l-intimat baqa' ma jħallasx.

20. Jirriżulta li finalment, l-ammont tal-prodotti mhux imħallsa tela' għal disgħa u tletin elf, disgħa mija u tlettax il-Ewro (€ 39,913.00).

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

**<u>Difiżi preliminari</u>**

21. Jibda biex jingħad, li fil-każ in eżami, kienet saret skrittura datata 10 ta' Awissu 2019, bejn ir-rikorrenti konjuġi Taliana, u Mario Vella, l-intimat. F'din l-iskrittura Mario Vella, imniżżel bħala d-debitur, aċċetta li jħallas is-somma ta' erbgħa u tletin elf, disgħa u disgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 34,099.34) fuq bejgħ ta' prodotti tal-ħalib u oġġetti oħra relatati max-xiri mill-Malta Dairy Products.

22. Jirriżulta mill-atti tal-każ, li l-intimat Mario Vella, kien qabel dakinhar ħareġ ħames ċekkijiet fl-import t-totali ta' €12,253, liema ċekkijiet, eżebiti a fol 61 sa 65 tal-proċess ma ġewx onorati mill-bank relattiv tal-intimat.

23. Jirriżulta wkoll, fil-proċeduri odjerni, l-intimat eċċepixxa li kellha tiġi kjamata in kawża Joanne Rose Vella, liema talba sussegwentement saret mir-rikorrenti u ġiet milqugħa minn din il-Qorti.

24. Jirriżulta illi d-difiża prinċipali ta’ l-intimat hija li s-self ta' flus huwa att straordinarju tal-komunjoni tal-akkwisti, li jinkombi liż-żewġ miżżewġin u għalhekk, abbażi tal-artikolu 1322(f) tal-Kap 16, id-dejn ma kienx dovut għax mhux iffirmat mill-mara.

25. Il-Qorti, tistqarr illi hija kemmxejn perplessa b’tali linja difensjonali, u dan in vista ta’ dak ipprovdut fl-artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili, li huwa l-artikolu relevanti għall-fatti u ċirkostanzi ta' dan il-każ, li jipprovdi li :

> *“Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jiġu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kinux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.”*

26. Mid-diċitura tal-Liġi kif fuq indikata, huwa ċar li fl-att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, fil-każ odjern da parte ta’ l-intimat li huwa kien qed jiġġestixxi l-ħanut ‘Gogo’ fil-Mellieħa, dana kien att vestit biss fih innifsu, u mhux fil-konjuġi l-oħra.

**<u>Difiżi fil-mertu</u>**

27. Jirriżulta li bejn il-partijiet kien hemm ftehim iffirmat fl-10 ta’ Awissu 2019, eżebit a fol 4, fejn jindika b'mod ċar illi Mario Vella, bħala d-debitur, kien qed aċċetta li l-ammont indikat f'din l-iskrittura, ossija l-ammont ta’ erbgħa u tletin elf u disgħa u disgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 34,099.34), huwa ċert likwidu u dovut favur il-konjuġi Taliana.

28. Jirriżulta li r-rkorrenti jikkontendu li wara dakinhar, huma baqgħu jipprovdu ħalib, u di fatti jidher illi hemm diskrepanza bejn l-ammont mitlub permezz tal-proċeduri odjerni, ossija disgħa u tletin elf, disgħa mija u tlettax il-Ewro (€ 39,913.00), u l-ammont indikat fl-imsemmija skrittura, u ċjoe` l-ammont ta’ erbgħa u tletin elf u disgħa u disgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 34,099.34).

29. Jirriżulta illi, in sostenn għall-ammont indikat fir-rikors, ir-rikorrenti Lucienne Taliana, mal-affidavit tagħha, eżebiet Statement dettaljat (fol 32 *et sequitur),* fejn indikat il-prodotti l-oħra li kompla jixtri minn għandha l-intimat. Madanakollu, tali statement ma huwiex sorrett minn ebda dokumentazzjoni oħra, ossija Delivery Notes u/jew Invoices, biex jikkorroboraw tali statement.

30. Il-Qorti tosserva illi hija għandha timxi biss fuq provi ċari u konkreti. Ma hemm l-ebda riċevuti eżebiti fl-atti tal-każ, li juru prodotti ulterjuri li ġew konsenjati lill-intimat wara l-imsemmija skrittura. Apparti minn hekk, l-intimat fix-xhieda tiegħu tat-30 ta' Novembru 2021, sostna li huwa kien iħallas cash iżda ma kienx jirċievi riċevuti mingħand ir-rikorrenti għalkemm kien jitlobhom dawn l-irċevuti.

31. Għalhekk, fil-karenza ta' prova konkreta, din il-Qorti tista' tistrieħ biss fuq l-iskrittura *de quo* datata 10 ta' Awissu 2019, fol 4. Dak indikat f'din l-iskrittura għandu forza tal-liġi bejn il-partijiet.

32. In vista tas-suespost, u tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-Qorti ser tilqa’ it-talbiet tar-rikorrenti limitatament għall-ammont indikat fl-iskrittura

Dok A fol 4, fl-ammont ta’ erbgħa u tletin elf u disgħa u disgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 34,099.34).

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi semgħet ix-xhieda u rat il-provi ippreżentati quddiemha;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-intimat Mario Vella u tal-kjamata in kawża Joanne Rose Vella għar-raġunijiet spjegati.

**Tilqa’** t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

**Tilqa’ limitatament l-Ewwel Talba** u tiddikjara li l-intimat u l-kjamat in kawża huma debituri versu l-atturi fl-ammont globali ta' erbgħa u tletin elf u disgħa u disgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€34,099.34).

**Tilqa’ limitatament it-Tieni Talba** tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Mario Vella w il-kjamata in kawża Joanne Rose Vella iħallsu lir-rikorrenti s-somma globali ta' erbgħa u tletin elf u disgħa u disgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 34,099.34).

**Imgħax** skond il-Liġi huwa dekorribbli mill-10 ta' Awissu 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjeż** kollha għandhom ikunu a kariku tal-intimat Mario Vella.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur